



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0353/2011

14.10.2011

RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Mobilizzazzjoni tal-Istrument tal-Flessibilità favur l-Istrateġija UE 2020 u l-viċinat Ewropew, b'konformità mal-punt 27 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (COM(2011)0373 – C7-0164/2011 – 2011/2126(BUD))

Kumitat għall-Baġits

Relatur Reimer Böge

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
ANNESS: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL.....	5
NOTA SPJEGATTIVA	7
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	8

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Mobilizzazzjoni tal-Istrument tal-Flessibilità favur l-Istrateġija UE 2020 u l-viċinat Ewropew, b'konformità mal-punt 27 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (COM(2011)0373 – C7-0164/2011 – 2011/2126(BUD))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Abbozz tal-Baġit tal-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012 (COM(2011)0300), ippreżentat fl-20 ta' April 2011,
 - wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0373 - C7-0164/2011),
 - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba¹ (l-IIA tas-17 ta' Mejju 2006), u b'mod partikolari l-punt 27 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu adottata fis-26 ta' Ottubru 2011 dwar l-abbozz ġenerali tal-baġit tal-2012²,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0353/2011),
- A. billi l-livelli massimi tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali, speċjalment għas-subintestatura 1a u l-intestatura 4, ma jippermettux il-finanzjament ta' prijoritajiet tal-UE bla ma jkunu pperikolati l-istrumenti u l-politiki eżistenti,
- B. billi l-Kummissjoni pproponiet li timmobilizza l-Istrument tal-Flessibilità biex tpatti għall-infurzar tal-Istrument tal-Politika Ewropea tal-Viċinat taħt l-intestatura 4 għall-ammont ta' EUR 153.343.576,
1. Jirrimarka li, minkejja rinfurzar ristrett f'impenji fuq għadd limitat ta' punti tal-baġit u tnaqqis varju ta' punti oħra tal-baġit, il-limiti massimi tas-subintestatura 1a u tal-intestatura 4 ma jippermettux finanzjament adegwat tal-prijoritajiet magħżula mill-Parlament u l-Kunsill;
 2. Jaqbel, għalhekk, mal-mobilizzazzjoni tal-Istrument tal-Flessibilità għall-iffinanzjar tal-Istrateġija ta' UE 2020 skont is-subintestatura 1a, u l-iffinanzjar tal-Viċinat Ewropew taħt l-intestatura 4 għall-ammont totali ta' EUR 239,42 miljun;
 3. Itenni li l-mobilizzazzjoni tal-Istrument tal-Flessibilità, kif previst fil-punt 27 tal-IIA tas-17 ta' Mejju 2006, għal darb' oħra jenfasizza l-hteġa kruċjali li l-baġit tal-UE jkun aktar

¹ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

² Testi Adottati, P7_TA(2011)0000. (Rapport A7-0353/2011 li għandha tittieħed votazzjoni dwaru fil-Plenarja II ta' Ottubru).

flessibbli;

4. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-risoluzzjoni;
5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-risoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

ANNEX: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta' xxx

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba¹, u b'mod partikulari l-ħames paragrafu tal-punt 27 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi, wara li eżaminaw il-possibilitajiet kollha għar-riallokazzjoni tal-appropriazzjonijiet taħt l-intestatura 1a u l-intestatura 4, iż-żewġ ferġat tal-awtorità baġitarja qablu li jimmobilizzaw l-Istrument tal-Flessibilità biex, fil-baġit tal-2012, jikkomplementaw il-finanzjament, lil hinn mil-limitu massimu tal-intestatura 1a u l-intestatura 4, ta':

- EUR 30,75 miljun għall-Istrateġija tal-UE 2020 taħt l-intestatura 1a;
- EUR 208,67 miljun għall-Istrument tal-Politika Ewropea tal-Viċinat taħt l-intestatura 4,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012, l-Istrument tal-Flessibilità għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 30,75 miljun f'appropriazzjonijiet għall-impenji taħt l-intestatura 1a u ta' EUR 208,67 miljun f'appropriazzjonijiet għall-impenji taħt l-intestatura 4.

Dak l-ammont għandu jintuża sabiex jikkomplementa l-finanzjament ta':

- EUR 30,75 miljun għall-Istrateġija tal-UE 2020 taħt l-intestatura 1a;
- EUR 208,67 miljun għall-Istrument tal-Politika Ewropea tal-Viċinat taħt l-intestatura 4.

Artikolu 2

Din id-deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

¹ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

Magħmul fi,

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
Il-President*

NOTA SPJEGATTIVA

Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006¹ jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Istrument tal-Flessibilità sabiex ikun possibbli l-finanzjament ta' nfiq definit b'mod ċar li ma jistax jiġi ffinanzjat fil-limiti disponibbli għal intestatura waħda jew aktar tal-qafas finanzjarju multiannwali.

Għall-baġit tal-2012, hemm bżonn ta' nfiq addizzjonali, lil hinn mil-limiti tal-intestatura 1a u l-intestatura 4, u l-Kummissjoni pproponiet li timmobilizza l-Istrument tal-Flessibilità skont il-punt 27 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

L-ammonti li għandhom jiġu mmobilizzati huma skont kif ġej:

- EUR 30,75 miljun għall-Istrateġija tal-UE 2020 taħt l-intestatura 1a;
- EUR 208,67 miljun għall-Istrument tal-Politika Ewropea tal-Viċinat taħt l-intestatura 4.

Iż-żewġ ferġat tal-awtorità baġitarja huma mfakkra li l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea m'għandhiex issir aktar tard mill-pubblikazzjoni tal-baġit tal-2012.

¹ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	11.10.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	<div>+: 35</div> <div>–: 4</div> <div>0: 0</div>
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Alexander Alvaro, Marta Andreasen, Francesca Balzani, Lajos Bokros, Andrea Cozzolino, Jean-Luc Dehaene, Göran Färm, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Salvador Garriga Polledo, Ivars Godmanis, Ingeborg Gräßle, Estelle Grelier, Carl Haglund, Lucas Hartong, Jutta Haug, Monika Hohlmeier, Anne E. Jensen, Sergej Kozlík, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, Giovanni La Via, Barbara Matera, Nadezhda Neynsky, Dominique Riquet, László Surján, Helga Trüpel, Derek Vaughan, Angelika Werthmann
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Richard Ashworth, Maria Da Graça Carvalho, Frédéric Daerden, Derk Jan Eppink, Roberto Gualtieri, Peter Jahr, María Muñiz De Urquiza, Peter Šťastný, Georgios Stavrakakis
Sostitut(i) skont l-Artikolu 187(2) preżenti għall-votazzjoni finali	Róża Gräfin von Thun und Hohenstein